# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 1**

**Citazzjoni Nru: 1155/01E1GV**

**U.C.I.M. Company Limited.**

**-vs-**

**Manuel Formosa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permess taghha gie premess li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija u ghoxrin lira (Lm1,120) rappresentanti import ta' 14 kambjali ta' Lm80 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju, 2000 sa Gunju, 2001 u mhux imhallsa, hawn annessi mmarkat bin-numri minn 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament.

Premess illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti; u

Premess illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,120 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandux l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas

ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok A.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici U.C.I.M. Co. Ltd. bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,120 dovuta.

Bl-imghax legali li mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sat-28 ta' Mejju, 2001 jammontaw ghal Lm52, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**